Kunsill Lokali Ħal Lija

# Rapport Amministrattiv

# Għas-Sena 2025

Ikkumpilat mis-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Pamela Seguna

PS

## Werrej


| | |
|---|---|
| Introduzzjoni | 1 |
| Il-Kunsill | 2 |
| Il-Ħidma tal-Kunsill | 4 |
| Il-Finanzi tal-Kunsill: l-Iskeda tad-Dħul u l-Infiq | 13 |
| Annex 1: Rapporti ta' Ħidma tal-Kunsilliera | |




ps

## INTRODUZZJONI

Dan ir-Rapport Amministrattiv ikopri l-perjodu bejn l-01 ta' Jannar 2025 u l-31 ta' Diċembru 2025 u għaldaqstant jagħti rendikont tal-ħidma tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija tul is-sena 2025. Fis-sena 2025, kompliet għaddeja l-ħidma kontinwa taħt id-disa leġiżlatura, li lha topera mill-1 ta' Lulju 2024, fejn id-dmiritjiet li għandu l-kunsill komplew jitwettqu bl-aħjar mod professjonali possibbli, bla interruzzjonijiet, għal ġid tal-lokal, dan bħal ma dejjem isir.



PS

## 2.1 Il-KUNSILL

Għad-Disa' leġiżlatura, il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija, kien magħmul minn ħames Kunsilliera.

Il-Kunsill kien jikkonsisti minn:

| | |
|---|---|
| **Is-Sur Anthony Dalli** | **Sindku** |
| **Is-Sur Calcedonio Cini** | **Viċi Sindku** |
| **Is-Sinjura Diane Abela Penza** | **Kunsillier** |
| **Is-Sinjura Lorraine Farrugia Muscia** | **Kunsillier / Kap tal-Minoranza** |
| **Is-Sur Carl Betts** | **Kunsillier** |

Ir-Responsabbiltajiet tal-kunsillieri preżenti waqt id-disa' leġiżatura mill-1 ta' Jannar 2025 sal-31 ta' Diċembru 2025 kienu kif ġej:

**Sindku Anthony Dalli**
L-Ambjent, Proġetti Kapitali/Infrastruttura, Immaniġjar tat-Traffiku u Ordni Pubblika, l-Għaqdiet fil-Komunita', Finanzi, Amministrazzjoni, Servizzi, Dipartimenti tal-Gvern u Entitajiet pubbliċi.

Is-Sindku huwa membru wkoll fil-Kumitat tar-Reġjun Lvant.

**Viċi Sindku Calcedonio Ċini**
Saħħa, Anzjan Attiv, Turiżmu Lokali, Qasam Soċjali.

Il-Viċi Sindku huwa wkoll is-sostitutt tas-Sindku f'eventwalita li ma jkunx jista jattendi huwa għall-kumitat tar-Reġjun Lvant.

**Kunsillier Diane Abela Penza**
Edukazzjoni, Familja, Kultura u Fondi Ewropej

**Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia Muscia**
Integrazzjoni Soċjali, Ħarsien tal-Annimali, Innovazzjoni u Drittijiet tal-Konsumatur.

**Kunsillier Carl Betts**
Żgħażagħ, Tfal u Sports.

## 2.2 PARTEĊIPAZZJONI FIL-LAQGĦAT TAL-KUNSILL

Waqt id-Disa' Leġislatura bejn l-1 ta' Jannar 2025 u l-31 ta' Diċembru 2025 inżammu tnax-il (12) laqgħa tal-Kunsill u ma nżammet l-ebda laqgħa tal-lokalita, minħabba nuqqas ta' attendenza mir-residenti, b'hekk allura saru total ta' tnax-il (12) laqgħa. L-attendenza għal dawn il-laqgħat mill-Kunsilliera kienet kif ġej:

| | **Laqgħat tal-Kunsill Nru. 10 – 21 u xejn Laqgħat tal-Lokalità** | **PREŻENTI** | **SKUŻAT/A** | **ASSENTI** | **%** |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Sindku Anthony Dalli | 12 | - | - | 100 |
| 2 | Viċi Calcedonio Cini | 12 | - | - | 100 |
| 3 | Kunsillier Diane Abela Penza | 10 | 2 | - | 83 |
| 4 | Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia Muscia | 11 | 1 | - | 92 |
| 5 | Kunsillier Carl Betts | 12 | - | - | 100 |



PS

## 2.3 L-AMMINISTRAZZJONI TAL-KUNSILL

Waqt id-Disa Leġislatura, l-Amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabbiltajiet kollha skont l-Att dwar il-Gvern Lokali, minn l-01 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2025 tmexxiet mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sinjura Pamela Seguna bl-assistenza ta' tlett impjegati oħra.
Fil-preżent, l-Amministrazzjoni tal-Kunsill hija komposta kif ġej:

| | |
|---|---|
| **Is-Sinjura Pamela Seguna** | **Segretarju Eżekuttiv** |
| **Is-Sinjura Dorianne Bonniċi Bondin** | **Deputat Segretarju Eżekuttiv / Office Administrator II** |
| **Is-Sur Francesco Scicluna** | **Office Administrator I** |
| **Is-Sinjura Nicolette Mallia** | **Skrivan Klerikali** |

Il-Kunsill Lokali kellu wkoll persuna oħra taħdem xogħol klerikali ssekondatha minn terza entita:

**Is-Sinjura Jacqueline Cilia** **Community Work Scheme Enterprise Foundation (CWSEF)**

Matul is-sena 2025, il-Kunsill kellu wkoll dawn il-ħaddiema ssekondati li jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni u tisbieħ madwar il-lokalità:

| | |
|---|---|
| **Is-Sur Raymond Mallia** | **RSSL** |
| **Is-Sur Paul Gatt** | **Community Work Scheme Enterprise Foundation (CWSEF)** |
| **Is-Sur George Farrugia** | **Engineering Resources Ltd** |
| **Is-Sur Marco Grech** | **Engineering Resources Ltd** |
| **Is-Sur Joseph Gerada** | **Engineering Resources Ltd** |

Matul is-sena, il-Kunsill ikollu wkoll bżonn ta' servizzi professjoni biex jigwidawh fl-operat u fl-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet tiegħu. Is-Servizzi mgħottija huma kif iddettaljat hawn taħt:

**Servizz Legali** mgħoti mingħand l-avukat Dr. Errol Cutajar;
**Servizz ta' Perit** mogħti mingħand il-Perit Anthony Bezzina (MED Developers, Designers and Consultants Ltd;
**Servizzi ta'** ***Accountant u Accounting technican*** mgħotija mingħand *Borg Galea Audit Ltd;*
**Servizz ta' konsulentazzjoni dwar Permessi tal-Ippjanar** mgħoti minn *ADI Assocoiates Environmental Consultants Ltd*;
**Servizz ta'** ***Data Protection Officer*** mgħoti minn *Iuris Malta*;
**Servizz ta'** ***Contracts Manager*** mgħoti mis-Sur Raphael Carabott.

In-nies kollha msemmija hawn fuq huma l-qafas u l-operaturi tal-Kunsill Lokali. Huwa grazzi għalihom li l-Kunsill jibqa' jagħmel passi 'l quddiem fi ħidmietu. Bħala Segretarju Eżekuttiv tal-kunsill inħossni kburija naħdem ma' dawn in-nies u b'dan il-grupp ta' nies għandi sabiex naħdem u nattwa dak li l-Kunsill japprova għall-ġid tal-lokalita' kollha.



P5

## 3.1 IL-ĦIDMA TAL-KUNSILL

Bħas-snin ta' qabel, din is-sena l-Kunsill kompla joffri diversi servizzi lir-residenti kollha tar-raħal.

**Ġbir ta' skart organiku**
Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija ilu joffri s-servizz tal-ġbir ta'l-iskart organiku mill-31 ta' Ottubru 2018. Dan l-istess servizz ingħata fis-sena 2025 u għadu għaddej sal-ġurnata tal-lum. L-iskart organiku inġabar bieb bieb kull nhar ta' Tnejn, Erbgħa u Ġimgħa. **

**Ġbir ta' skart imħallat (borża sewda)**
Is-Servizz ta' ġbir ta' l-iskart imħallat (borża sewda) ingħata darbtejn biss, kull nhar ta' Tlieta u Sibt. **

**Ġbir ta' skart separat**
Din is-sena tkompla wkoll is-servizz ta' ġbir ta' skart separat. Dan inġabar bieb bieb nhar ta' Ħamis. **

**Ġbir ta' ħġieġ**
Kull l-ewwel Ġimgħa tax-xahar u kif ukoll kull tielet Ġimgħa tax-xahar, inġabar ukoll il-ħġieġ bieb bieb. **

**Dawn l-erbgħa tipi ta' skart hawn fuq kollha nġabru mill-Kuntrattur assenjat mir-Reġjun Lvant kif rikjest bil-liġi.

**Ġbir ta' skart goff u WEEE**
Is-Servizz tal-ġbir tal-iskart goff ingħata darba fil-ġimgħa. Ir-resident għandu jikkuntatja l-Kunsill biex jagħmel appuntament għal dan is-servizz. Dan is-servizz ġie offrut mill-Kunsill mingħajr ħlas. Il-Kunsill dejjem ħa ħsieb jara li l-kollettur kellu permessi validi biex ikollu aċċess għal aktar minn ċentru wieħed fejn jintrema l-iskart il-goff biex ir-residenti kienu dejjem mgħoqdija. Il-Kunsill anke baqa jagħmel użu mill-WEEE trolley li tinsab fil-binja tal-kunsill fejn residenti jistgħu jiddisponu minn affarijiet eletroniċi żgħar.

Apparti dan is-servizz li jiġi offrut darba fil-ġimgħa mill-kunsill bl-għajnuna tal-kollettur imqabbad bi tender, il-Kunsill anke ħa ħsieb u applika għal permessi tal-ERA fuq il-vettura tal-Kunsill Lokali biex meta jkun hemm xi skart ieħor mormi llegali jew mitfuħ fir-raħal, kemm jista jkun dan ma jitħallix fir-raħal, u dan meta speċjalment is-servizz tal-ġbir tal-iskart goff ta' darba fil-ġimgħa jkun diġa sar. Il-ħaddiema tal-Kunsill ukoll qed jgħinu billi jiġbru oġġetti mir-raħal li jkunu mitfugħa llegali u joħduhom ġo civic ameneity sites mill-ewwel biex kemm jista jkun ir-raħal jibqa nadif u ma jidhirx mitluq.

**Ħruġ ta' Permessi, Ħlasijiet oħra u lmenti**
Għall-sena oħra l-amministrattiv tal-kunsill dejjem għamel mill-aħjar biex jaqdi r-residenti fejn jidħlu applikazzjonijiet ta' permessi għal diversi nġenji u għeluq ta' toroq. L-amministrattiv tal-kunsill kompla anke jopera sistema onlajn ta' kif jinħarġu l-permessi, li ġiet introdotta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. B'din is-sistema r-resident vera saret aktar faċli u effiċjenti għalih biex japplika għal permess mill-kumdita ta' daru mingħajr ma jżur il-kunsill u bħala sistema intlaqgħet tajjeb ħafna. Din is-sistema issa ġiet anke mgħoddija dirett f'idejn il-Kunsill fejn il-Kunsill għamel l-arranġamenti meħtieġa mal-fornitur ta' din is-sistema biex tibqa attiva, pero l-ispejjeż ta' din is-sistema xorta għandhom jiġi rimborżati mill-Gvern Lokali lil Kunsill. Waqt il-ħin tal-ftuħ tal-binja amministrattiva tal-kunsill dejjem ta ukoll servizz effiċjenti ta' ħlasijiet oħra fosthom taċ-ċitazzjonijiet u l-kera. Ma' dawn ma tonqosx ukoll l-attenzjoni li tiġi mgħottija għal diversi lmenti u talbiet li tressqu tul is-sena r-residenti.



P5

**Tindif tat-Toroq**
Għal darb'oħra l-Kunsill ħa ħsieb sabiex il-lokalita' tinżamm fi stat nadif. Il-Kunsill għandu kuntratt tal-knis b'kundizzjonijiet tajbin ħafna fejn, kull triq fil-lokal qed tinkines darba jew darbtejn fil-ġimgħa skond il-bżonn neċessarju. Apparti minn hekk ħaxix ħażin li jikber mal-bankini, qed jinqata' kemm jista' jkun aktar ta' spiss. Il-Kunsill ta' spiss kien jagħmel moniteraġġ fuq ix-xogħol li qed jagħmel il-kuntrattur biex jiġi żgurat li qed jingħata servizz tal-knis kemm jista jkun ta' livell għoli. Nemmnu li s-servizz ta' dan il-kuntratt jista jitjieb u filfatt il-kunsill fis-sena 2025 ta' spiss kien fi kuntatt dirett mal-kuntrattur biex jiżgura ruħu li qed jintbgħatu żewġ kenniesa skond il-kuntratt u li dawn ikunu fit-toroq li jkun jmisshom fil-ġurnata, skond l-iskeda tat-tindif. Il-Kunsill għadu sal-lum jara li l-kuntratt qed jiġi onorat kemm jista jkun u kif suppost.
Problema relatata oħra ma tindif li qed jagħmel dak kollu li jista dwarha l-Kunsill hija dik, tal-ħmieġ tal-ħamiem u l-klieb. Rigward il-ħmieġ tal-ħamiem il-Kunsill kemm il-darba ħasel bankini u anke bgħat lill-ħaddiema biex jikinsu u jnaddfu dan il-ħmieġ bi xkupi apposta, itajjar anke seqer biex ibeżża l-ħamiem u anke ħadem mal-AKL u pest control biex il-ħamiem jingħata ċertu għalf li bih ma jirriproduċiex. Il-Kunsill issa qed jistenna mingħand il-pest control id-direttiva ta' meta ser jibda l-proċess li dan il-ħamiem jinqabad darba għal dejjem permezz ta' proċedura apposta kif approvatha mill-awtoritajiet kkonċernati kollha fi gaġeġ apposta u jittieħdu finalement il-biċċerija. Dwar il-klieb din ukoll hija problema daqsxejn delikata u l-Kunsill dejjem għamel li setgħa biex dan il-ħmieġ jiġi mnaddaf mill-ewwel b'għajnuna tal-kennies. Pero wieħed irrid jiftakar li l-Kunsill m'għandux poter biex iħarrek lin-nies responsabbli, dan anke uffiċċjal tal-ERA, pulizija jew LESA irrid jaqbad lil dak li jkun fil-fatt bil-provi. Il-Kunsill pero dejjem ħadem id f'id ma' dawn l-entitajiet kollha biex isiru spezzjonijiet frekwenti kull fejn jkun hemm rapporti ta' ħmieġ.

**Tisbieħ u Manutenzjoni tal-Ġonna u *playing fields***
Għal darb'oħra l-Kunsill ħa ħsieb sabiex il-ġonna u l-*playing fields* fil-lokalita' jinżammu fi stat tajjeb. Dan billi sar żbir tal-ħaxix kif suppost u tisbieħ b'ipplantar ta' xtieli. Il-Kunsill ta' spiss jaħdem anke ma' diversi entitajiet fosthom ERA u l-kuntrattur biex b'mod speċjali l-ġnien rikreattiv jinżamm fi stat tajjeb. Fi 2025 il-Kunsill ukoll approva li tiżdied il-frekwenza ta' kemm il-darba jkun stazzjonat il-ġardinar Ħal Lija. Din il-frekwenza minn darba fil-ġimgħa żdiedet għal ġimgħatejn. Is-Sindku dejjem ħa ħsieb ukoll li jżomm kuntatt kontinwu mal-kuntrattur u anke li jkun preżenti meta jkun qed isir l-iżbir biex jara li x-xogħol isir sewwa. Kull tip ta'tisbieħ u manutenzzjoni li l-kunsill agħmel fil-ġonna qed jiprova jsir moniteraġġ fuqhom bl-għajnuna tal-Pulizija tal-Komunita biex residenti jgawdu minn ambjent sabiħ u jkun hemm vandaliżmu u kif ukoll attivitajiet suspettużi mill-inqas. Fis-sena 2025 il-Kunsill filfatt kellu anke CCTV cameras jiffunzjonaw kif suppost biex il-moniteraġġ issir aktar faċli.

**Tiswija u Manutenzjoni tat-Toroq**

Din is-sena bħal snin kurrenti, sar xogħol ta' rutina. Dan ix-xogħol qatt m'hu biżżejjed iżda l -kunsill ħa ħsieb li jsir xogħol ta' *patching* fit-toroq kollha fejn kien hemm l-aktar bżonn. Filfatt kien hemm każijiet fejn numru ta' toroq sar *patching* fihom għal aktar minn darba, kemm mill-ħaddiema tal-kunsill u kif ukoll mill-kuntrattur tal-kunsill, f'każijiet fejn ikollok triq li tkun aktar diżastruża minn oħra.

Bl-għajnuna ta' Infrastructure Malta twettaq xogħol fejn ingħata wiċċ ġdid fi Triq il-Forn sqaq nru 6, Triq il-Kunċizzjoni Sqaq nru 1 u Triq Mons J.Fenech (ex. Preziosi).

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija huwa grat ħafna lejn IM, għaliex din l-entita dejjem laqgħat it-talbiet tal-kunsill u dejjem kienet ta' għajnuna fl-implimentazzjoni ta' tiswija u manutenzzjoni fit-toroq / pavimentar. Fis-sena 2025 IM reġgħat anke ħabret li ser tkompli tassisti lil kunsill bi pjan ta' ħidma li hija kienet nediet għat-tlett snin li jmiss (2023-2025) fejn il-kunsill ġie allokat 5,000 metri kwadri ta' toroq, għal kull sena, sabiex il-kunsill jagħżel jibni mill-ġdid ċertu toroq tal-preferenza tiegħu.



P5

**Tiswija u Manutenzjoni ta' Bankina**

Permezz ta' ftehiem li kien ġie ffirmat bejn il-Kunsill u Public Works Department, fis-sena 2025 il-Kunsill applika għall-manutenzzjoni fuq tlett bankini fi: Triq Antonio Azzopardi, Triq Mikielanġ Borg u Triq il-Mitħna. Dawn il-bankini saru fuq talba tal-Kunsill Lokali bl-għajnuna tal-Public Works Department. Fis-snin li ġejjien il-Kunsill ser ikompli jagħmel aktar użu minn dan il-ftehiem biex issir manutenzjoni fuq diversi bankini oħra kif ikun il-bżonn.

**Manutenzjoni tat-tabelli u sinjali tat-traffiku**

Permezz tal-ħaddiema assenjati kif ukoll il-kuntrattur tat-tabelli u sinjali li qiegħed b'kuntratt mal-Kunsill, sar xogħol kontinwu ta' manutenzjoni ta' tabelli u sinjali fil-lokalità. Ġew ordnati u twaħħlu numru konsiderevoli ta' tabelli tat-toroq u kif ukoll saru diversi sinjali tat-traffiku ġodda fir-raħal.

**Restawr fuq Ħitan tas-sejjieħ taħt Miżura 4.4**

Fis-sena 2020 kien beda x-xogħol ta' restawr fuq il-ħitan tas-sejjieħ li baqa għaddej fis-sena 2021. Sal-aħħar tas-sena 2021 l-kunsill rrestawra l-erba biċċiet ħitan kollha li kien applika għalihom. Wara li dawn l-ħitan ġew rrestawrati, taħt l-istess miżura l-kunsill kien għadt baqalu xi fondi li jista jagħmel użu minnhom u għalhekk applika mal-entitajiet kkonċernati biex jiġi rrestawrat ħajt addizzjonali ieħor fi Triq il-Mitħna kantuniera ma' Triq Ħalmann. Sas-sena 2022 dan il-proġett kien lest kollu nkluż l-ħajt tas-sejjieħ addizzjonali li żied il-kunsill. Fis-sena 2024 u kif ukoll fis-sena 2025 kien baqa biss li jitħallas il-kuntrattur l-aħħar pagament ta' retention money. Għalhekk dan il-proġett xorta waħda jrid jibqa jiġi kkunsidrat miftuħ u għaddej sakemm jitlaħħas l-aħħar pagament u tiġi ffinalizata d-dokumentazzjoni kollha li baqa pendenti kif suppost. Il-Kunsill qed jiddiskuti mal-Aġenżija ARPA, dwar kif l-aħħar jingħalaq dan il-proġett minħabba d-dokumentazzjoni pendenti.

**Sejħiet ta' Offerti**

Matul is-sena l-Kunsill ħareġ żewġ sejħiet (2) ta' offerti (*Tenders/qoutations):*

- **Service tender for the cleaning, upkeep and maintenance of public parks and gardens and soft areas in Ħal Lija using environmentally friendly products & practices** ( Ġunju 2025) - Il-Kunsill Lokali ħareġ din is-sejħa biex ikun jista jiġi mġedded is-servizz ta' ġardinar - però din it-tender ġiet ikkanċellatha peress li l-Kunsill Lokali kellu jerġa jirrevedi l-budget għal dan is-servizz.
- **Service tender for the cleaning, upkeep and maintenance of public parks and gardens and soft areas in Ħal Lija using environmentally friendly products & practices** ( Awwissu 2025) - Il-Kunsill Lokali wara li rreveda l-bugdet allokat reġgħa ħareġ din is-sejħa biex ikun jista jiġi mġedded is-servizz ta' ġardinar.

**Skemi u Proġetti**

Matul is-sena l-Kunsill applika għal diversi fondi b'permezz ta' skemi bit-tijr li jsiru diversi proġetti għar-residenti, l-għaqdiet u għall-benefiċċju tal-lokalita. Fost l-iskemi li l-kunsill applika għalihom insibu:

- **Ċirkulari Numru SPI/SCI/2/2025 – Skema Attivitajiet Kulturali Annwali 2025/2026,** kif ippublikatha mid-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*. Il-Kunsill applika biex bħal ma jsir kull sena, ikun jista jitella għal darboħra l-Festival taċ-Ċitru (2026) Din l-applikazzjoni ġiet aċċettatha u l-kunsill kkwalifika għall-ammonti ta' €17,000.00.
- **Ċirkulari Numru SPI/SCI/4/2025 – Espressjoni ta' interess – Finanzjament Milied 2025** kif ippublikatha mid-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*. Il-Kunsill applika biex bħal ma jsir kull sena, ikun jista jitella għal darboħra l-



p5

Festival taċ-Ċitru (2026) Din l-applikazzjoni ġiet aċċettatha u l-kunsill kkwalifika għall-ammonti ta' €8,840.00.

- **Ċirkulari Numru SPI/SCI/6/2025 – Fond ta' Manutenzzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali** kif ippublikatha mid-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy.* Il-Kunsill applika biex isiru protective shading covers fuq il-play area u open gym fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv. Din l-applikazzjoni ġiet aċċettatha u l-Kunsill kkwalifika għall-ammont ta' €30,000.00.
- **Ċirkulari Numru SPI/SCI/7/2025 – Finanzjament – Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' kwalita** kif ippublikatha mid-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy.* Il-Kunsill applika għal aktar fondi kif kien diġa għamel permezz ta' skema SPI/SCI/9/2022, biex tkun tista ssir mill-ġdid il-latrina tal-Pjazza. Il-Kunsill qed jaħdem mal-cleansing department peress li din hija propjeta tagħhom. Din l-applikazzjoni l-ġdida ġiet aċċettatha u l-Kunsill kkwalifika għall-ammont ta' €88,000.00.
- **Skema Finanzjarja – Xiri jew Kiri ta' Tiżjien tal-Milied,** kif maħrugħa mir-Reġjun Lvant. Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija applika għal fond ta' €4,000 għal: tiżjien mad-dawra tal-Knisja, applikazzjoni għal meters tad-dawl, kiri ta' cherry picker u tiżjien ieħor għall-attivitajiet tal-Milied ġewwa Ħal Lija.
- **Skema Finanzjarja b'kollaborazzjoni mal-Kunsilli Lokali fi ħdan il-Kunsill Reġjonali Lvant,** kif maħrugħa mir-Reġjun Lvant. Il-Kunsill Lokali applika għal fond ta' €15,000 biex isir proġett ambjentali ta' restawr u manutenzzjoni fuq ħitan tas-sejjieħ ġewwa Triq Ħalmann, Triq Nazju Cortis u Triq Antonio Azzopardi. Il-Kunsill għandu ċans jwettaq dan il-porġett sat- 30 ta' Novembru 2026.
- **Skema Għajnuna għal tiżjien tal-Milied fil-lokalita,** kif maħruġa mill-Malta Tourism Authority (MTA). Il-Kunsill Lokali applika għal skema li din l-entita kienet qed toffri biex isir aktar armar tal-Milied u tiżjien fir-raħal. Is-Somma ta' għajnuna li applika għaliha l-kunsill kienet ta' €3,000, u ġew utilizzati fuq armar ta' tiżjien fi Vjal it-Trasfigurazzjoni u Pjazza Trasfigurazzjoni inkluż iz-zuntier, armar tas-siġra tal-Milied fil-pjazza u xiri ta' aktar fairy lights u aċċessorji tal-Milied.

**Implimentazzjoni ta' iBins fil-Lokalita**

Il-Kunsill Lokali baqa joffri s-servizz tal-iBins fil-lokalita, biex anke jkompli jħeġġeġ lir-residenti biex jisseparaw aktar l-iskart. Dawn l-iBins jinsabu fi Triq San Mikiel kantuniera ma' Triq il-Mosta u fuqhom isir moniteraġġ 24/7 bi CCTV cameras mill-LESA. Minkejja li hemm CCTVs, mhux faċli li dejjem jinqabdu ndividwi responsabbli li jkunu għamlu dumping maġenb l-iBins u l-Kunsill Lokali filfatt kemm il-darba ħa ħsieb li jnaddaf xi dumping li jkun sar ħdejn l-iBins.

**Servizz ta' Trasport Għall-Anzjani**

Il-Kunsill Lokali għal sena oħra baqa joffri s-servizz tat-Trasport lill-anzjani bil-vettura tal-elettriku 7-seater, fejn l-anzjani li jibbukjaw mal-kunsill, jittieħdu għal appuntamenti mediki li huma jkollhom ta' kuljum l-isptar Mater Dei u l-polyclinic. Il-Kunsill fis-sena 2025 estenda anke dan is-servizz bi vjaġġi lejn Sptar San Vinċenż. Dan is-Servizz ingħata bħas-snin kurrenti mis-7:00am sa 12:00pm.

**Laqgħat**

Matul din is-sena saru ħafna laqgħat u *meetings on site* ta' spiss ma' diversi entitajiet fejn waqt dawn il-laqgħat/*meetings* kemm jista jkun dejjem kien hemm preżenti s-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. Fost l-entitajiet ma min saru dawn il-laqgħat wieħed jista jsemmi lil kuntratturi li jagħtu servizz lil kunsill, Transport Malta, Infrastructure Malta, Heritage Malta, Ambjent Malta, il-*Works Department,* is-Sanita, il-pulizija, LESA, l-AKL, Reġjun Lvant, ERA, l-Awtorita tal-Ippjanar, Project Green u aktar dipartimenti tal-gvern etc. L-iskop ta' wara dawn il-laqgħat/*meetings* dejjem kien biex il-kunsill iżomm rapport ta' ħidma tajjeb ma' kull entita jew dipartiment u biex possibilment jikseb kull tip ta' għajnuna u sapport għall-benefiċċju u titjieb tal-lokal kollu.



PS

**Ħarġiet**
Fis-sena 2025 saru diversi ħarġiet li kienu jikkonsisti minn :

- Ħarġa ġurnata Għawdex f'Jum L-Omm;
- Walking Tours ġewwa r-raħal ta' Ħal Lija stess ;
- Ħarġa l-Isla- Żjara il-Bażilika Marija Bambina, il-Kunsill Lokali uffiċċju amministrattiv, Wirja Ghaqda Festi u wirja fil-Ġnien Gardjola;
- Ħarġa Mellieħa – Żjara shelters tal-gwerra u l-Mużew tat-Tunnara;
- Ħarġa Rabat – Żjara l-Grotta ta' San Pawl, il-Katakombi ta' San Pawl u l-Mużew Wigna Court;
- Żewġ Mawriet lejn Sqallija ; u
- Ħarġa Vista ta' Ħamis ix-Xirka ġewwa Siġġiewi u Żebbuġ.

Il-feedback mingħand ir-residenti għal kull attivita kien wieħed kbir u posittiv ħafna.

**Korsijiet**
Il-Kunsill Lokali fis-sena 2025 organizza l-korsijiet mniżla hawn taħt :

- Kors ta' First Aid – Dan ma kienx ta' suċċess u ma sarx minħabba nuqqas ta' interess u attendenza mir-residenti u l-pubbliku.
- Kors innovative finger food – Dan il-Kors sar b'kollaborazzjoni ma' ITS u kien hemm feedback tajjeb dwaru.
- Kors tal-Ħelu - Dolce di Mandorla – Dan il-kors kien ser issir ukoll bil-kollaborazzjoni ma' ITS pero ma kienx ta' suċċess u ma sarx minħabba nuqqas ta' interess u attendenza mir-residenti u l-pubbliku.

**Inizzjattiva ta' Inklużjoni Soċjali – Istitut Paulo Freire**
Fis-sena 2025 il-Kunsill Lokali ħaseb biex jinkludi lil dawk it-tfal li huma daqsxejn inqas ixxurtjati minn ħaddieħor. Bejn l-1 u l-5 ta' Diċembru 2025, il-Kunsill Lokali bl-għajnuna tar-residenti ġabru oġġetti u stationary ġodda jew li għadhom fi kundizzjoni tajba ħafna li fosthom kienu jinkludi bottles/flasks, lunch boxes, basktijiet tal-iskola, pockets bil-lapsijiet u biros, notebooks, kotba tal-qari, educational toys u oħrajn. Dawn l-oġġetti miġbura ngħataw bħala rigal għal żmien il-Milied lil tfal ta' bejn l-eta 5-10 ġewwa l-Istitut Paulo Freire, fit -23 ta' Diċembru 2025.

**Inizzjattiva Klassijiet tal-Eżerċizzju fiżiku**
Għal sena oħra l-Kunsill Lokali offra ġewwa Villa Lia l-possibbilta li jsiru klassijiet tal-eżerċizzju fiżiku kull nhar ta' Ħamis. Dawn il-klassijiet kienu miftuħin għal kulħadd però residenti dejjem ibbenifikaw minn sussidjar fil-prezz li agħmel tajjeb għalih il-Kunsill Lokali.

**Inizzjattiva – Sezzjonijiet tal-Qari**
B'kollaborazzjoni mal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, il-Kunsill lokali fis-sena 2025 organizza sezzjonijiet tal-qari darbtejn fil-ġimgħa. Kull nhar ta' tnejn issir sezzjoni għal tfal ta' eta bejn 0-3 u kull nhar ta' tlieta jsiru żewġ sezzjonijiet wara xulxin, waħda għal tfal ta' eta bejn 0-3 u l-oħra għal tfal ta' eta bejn 4-7.

Mingħand din l-istess Aġenzija, il-Kunsill Lokali ingħata ukoll donazzjoni ta' kotba biex dawn jitpoġġew ġo open library li ser tingħata wkoll mill-istess aġenzija. Il-Kuntratt ġie ffirmat bejn il-Kunsill u l-Aġenzija biex tingħata din l-open library u l-Kunsill iddeċieda li din titpoġġa fil-Ġnien Rikreattiv, però l-Kunsill għadu qed jistenna biex din l-open library tingħata mingħand l-Aġenzija.

**Inizzjattiva – Kunsill tat-Tfal**
B'Kollaborazzjoni ma' Rights Children – The Malta foundation for the wellbeing of Society, darba fix-xahar ġewwa Villa Lia qed jitwaqqaf kunsill għat-tfal, fejn kull tifel u tifla li jattendu u huma parti minn dan il-Kunsill, għandhom iċ-ċans iressqu proposti u talbiet li fl-opinjoni tagħhom jistgħu jiġi kkunsidrati mill-Kunsill Lokali u jkunu ta' ġid għal-lokal u fl-istess ħin ta' benessere u interess għat-tfal kollha tar-raħal.



PS

**Inizzjattiva – Użu ta' *heated pool Neptunes W.P.S.C***
Fis-sena 2025, bl-għajnuna tar-Reġjun Lvant, il-Kunsill Lokali baqa joffri l-opportunita lir-Residenti 60+ biex jagħmlu użu mill-heated pool ta' Neptunes W.P.S.C b'xejn mill-1 ta' Ottubru 2025 sal-aħħar ta' Mejju 2025.

**Applikazzjonijiet *Heritage Passport* għall-anzjani**
Fis-sena 2025 il-kunsill baqa joffri s-servizz lil anzjani fejn jgħinhom japplikaw għall-*Heritage passport* biex ikunu faċilment jistgħu jżuru diversi mużewijiet u postijiet storiċi b'xejn.

**Pubblikazzjoni tal-Fuljett**
Fis-sena 2025, il-kunsill kompla bil-pubblikazzjoni tal-fuljett ' Leħen il-Kunsill'. Fis-sena 2025 dan il-fuljett ġie ppublikat darbtejn u tqassam bieb bieb mill-ħaddiema tal-kunsill madwar ir-raħal kollu fejn kien hemm feedback tajjeb mir-residenti dwaru. Fil-futur il-kunsill ser ikompli joħroġ aktar edizzjonijiet ta' dan il-fuljett.

**Jum Ħal Lija u Ġieħ Ħal Lija**
Għal sena oħra ġie ċċelebrat Jum Ħal Lija. F'Jum Ħal Lija saret quddiesa fil-Knisja tas-Salvatur il-Ħadd 6 ta' Lulju 2025. Wara il-quddies fuq iz-zuntier kien hemm attivita żgħira u xi refreshments. Ġieħ Ħal Lija dakinhar ngħata lil Għaqda tal-Kamra tan-nar San Mikiel u kif ukoll ingħata ċertifikat ta' rikonoxximent tal-ħidma tagħhom kontinwa fir-raħal lil Dr. Pellegrini u lis-Sur Frankie Buttiġieġ. Aparti din iċ-ċelebrazzjoni ta' nhar il-Ħadd, il-Kunsill f'dik l-istess ġimgħa kellu programm ta' attivitajiet kif spjegat :
01 ta' Lulju – BBQ tal-anzjani 60+ ġewwa Palazzo Franceso (Ministeru għall-Inklużjoni u s-Settur tal-Volontarjat.
02 ta' Lulju – Dawra Kulturali mar-raħal (Walking Tour)
03 ta' Lulju – Open Day fit-Torri Belvedere
04 ta' Lulju – Pool party għaż-żgħażagħ ġewwa Farmhouse iż-Żurrieq u Attivita għal familja kollha ġewwa il-Ġnien Ċentru Rikreattiv b'kollaborazzjoni ma' 'Rights : Childrens Local Councils Project within the Malta Foundation for the wellbeing of Society'.

**Festival taċ-Ċitru**
Għas-sena 2025 il-Festival taċ-Ċitru sar il-Ħadd 19 ta' Jannar 2025 fil-Pjazza Trasfigurazzjoni fuq barra, mid-9 :00am sal-4 :00pm. Dakinhar ukoll sar it-tberrik tal-annimali u kien preżenti l-kavallerija tal-pulizija. Waqt din l-attivita' kulturali sar bejgħ ta' frott relatat maċ-Ċitru, bejgħ ta' ikel lokali u nternazzjonali u prodotti tal-għasel. Kien hemm ukoll esibizzjonijiet tal-arti, artiġjani li wrew diversi xogħolijiet li huma jagħmlu, logħob u divertiment għat-tfal, inkluż *face painting* u anke varjeta' ta' mużika. Waqt dan il-festival kien hem ukoll demostrazzjoni ta' tisjir minn chef professjonali li sajjar platti li fihom inkluda ċ-ċitru u kif ukoll demostrazzjoni minn *mixologist* li pprepara *non alcoholic cocktails* magħmulin bi ħafna ingredjenti, wieħed minnom iċ-ċitru naturalment. Kien hemm anke stalls informatiċi fuq il-post tal-ilma u kif ukoll ta' Wasteserv. Ma jonqosx ukoll il-bejgħ ta' fjuri , pjanti u ħxejjex. Kien hemm ukoll diversi attivitajiet għat-tfal fosthom attivita ta' crafts u tiżjien ta' pots, games u show tal-magician. Din l-attivita ntoġbot ħafna minn nies u l-kunsill kellu *feedback* tajjeb immens kemm dwar il-mod ta' kif ġiet organizza l-attivita u kif ukoll fuq il-post magħżul fejn saret l-attivita.

**Tiżjin tar-raħal bid-dwal tal-Milied u attivitajiet tal-Milied**
Fil-ġranet ta' żmien il-festi tal-Milied, il-Kunsill żejjen bit-tiżjien is-Siġar tal-Pjazza u Vjal it-Trasfigurazzjoni. L-armar ta' dan it-tiżjien sar bl-għajnuna ta' skema mill-MTA. Il-Kunsill ukoll għamel armar u fustuni ta' bozoz tal-Milied fi Triq il-Forn, Triq il-Kbira u Triq Sir Ugo Mifsud u armar ta' disinji mad-dawra iż-żgħira. Dawn saru bl-għajnuna tar-Reġjun Lvant b'permezz ta' Skema Finanzjarja – xiri jew kiri ta' tiżjien tal-Milied.
Fi żmien il-Milied saru ukoll l-attivitajiet imsemmija hawn taħt mill-Kunsill Lokali :

- Mini Concert – Ceci & Kriss – O'Holy nights Chapel Trail – 11 ta' Diċembru 2025.



PS

- Christmas Market – 12, 13 u 14 ta' Diċembru 2025.
- Stedina mill-Familja Conti biex is-Sindku f'isem il-Kunsill jixgħel il-faċċatta mżejna tad-dar tiegħu – 12 ta' Diċembru 2025.
- Ikla tal-Milied għall-anajzni ġewwa Villa Lia – 18 ta' Diċembru 2025.
- Attivita Mother Christmas u Tqassim tar-Rigali – 23 ta' Diċembru 2025.
- Quddiesa bl-Orkestra segwita minn Kunċert tal-Milied bi siltiet klassiċi – 27 ta' Diċembru 2025.

**Aktar Innovazzjonijiet**

Il-Kunsill Lokali ħa ħsieb ukoll li :

- fuq bażi regolari jsiru *meetings* bejn is-Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff biex b'hekk l-amministrazzjoni jkollha stampa ċara tal-oġġettivi li hija tixtieq tilħaq u l-progress li hija tkun qed tagħmel ;
- fuq bażi ta' kuljum tiġi ppreparatha skeda ta' xogħlijiet jew manutenzzjoni fejn din umbagħad titqassam lil ħaddiema tal-kunsill biex tiġi mplementatha ;
- darba fix-xahar isiru *one-to-one meetings* mal-pulizija u LESA biex tingħata l-għajnuna neċessarja għal benessere tal-lokal bħal perżempju biex jitnaqqas ċertu vandaliżmu mill-ġonna u jsiru aktar patrols ;
- Fuq bażi regolari saru anke meetings bejn il-kunsill u l-contracts manager biex ta' spiss jinżamm moniteraġġ fuq il-kuntratturi kollha li jagħtu servizz lil kunsill b'mod speċjali, is-servizz tal-ġbir tal-iskart, servizz tal-knis, tal-indafa fil-latrina u kif ukoll is-servizz tal-ġbir tal-ħaxix u manutenzzjoni fil-ġonna.

## 3.2 ORGANIZZAZZJONI

L-Organizzazzjoni tal-Kunsill hija msejsa fuq din l-istruttura:

- Is-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsilliera – fejn il-ħidma tagħhom tikkonsisti fi relazzjoni tajba mar-residenti u jaraw li jonoraw ir-responsabbiltajiet tagħhom fl-interess tar-raħal.
- L-Uffiċċju tas-Segretarju Eżekuttiv - li tiġbor fiha s-Sezzjoni tar-Relazzjonijiet mal-Klijenti, is-Sezzjoni tal-Finanzi u l-Akkwist ta' Servizzi, u s-Sezzjoni Amministrazzjoni u Riżorsi Umani. Għalkemm din l-istruttura tippermetti li l-Kunsill ikun jista' jattwa bi prattiċita' l-ħidma tiegħu, irid ikun rikonoxxut li din ssib l-aħjar sistemi bejn l-istruttura organizzattiva fis-settur privat u dik fis-settur pubbliku.
- Ir-rwoli ta' kull min hu nvolut fil-Kunsill, mis-Sindku u l-Kunsilliera 'l isfel, għandu dejjem ikun definit u mifhiem, fejn is-Sindku u l-Kunsillieri bħala *policy makers* imexxu u jiddeċiedu l-pjani ta' ħidma tagħhom għal-lokalita', u minn hemm l-Amministrattur, is-Segretarju Eżekuttiv, permezz tal-Uffiċċjali tiegħu, jeżegwixxi dawk il-*policies* u d-deċiżjonijiet kollha maqbula mill-Kunsill. Dan għandu jsir bl-aħjar mod possibbli, dejjem skont kif jippermettu l-istess finanzi u fl-aqsar.
- L-objettivi tal-Kunsill huma mibnija fuq żewġ sisien prinċipali – l-aħjar valur għall-flus f'dak kollu li jitwettaq mill-Kunsill u sabiex b'ekonomija, b'effiċjenza u b'effettivita' il-Kunsill ikollu l-aħjar paragun ta' spiża possibbli.
- L-istruttura mħaddna fuq dawn il-kunċetti għandha wkoll tiggarantixxi trasparenza u *feedback* kontinwu f'kull settur inkluż il-klijent, li fil-każ ta' Gvern Lokali mhu ħadd għajr iċ-ċittadin tal-lokalita'.



PS

## 3.3 SERVIZZ TAR-RELAZZJONIJIET MAR-RESIDENTI / KLIJENTI

### L-Uffiċċju Amministrattiv

L-Uffiċċju Amministrattiv hu mmexxi mis-Segretarju Eżekuttiv, skont l-Att 363 tal-Kunsilli Lokali u r-Regolamenti dwar il-Kunsilli Lokali u b'permezz tal-Avviżi Legali u l-proċeduri jew direttivi li jinħarġu minn żmien għal żmien. Is-Segretarju Eżekuttiv huwa responsabbli li jara li d-deċiżjonijiet meħuda mill-Kunsill ikunu attwati nregola ma' dan l-Att u kull avviż legali, proċedura jew direttiva.

### Impjegati tal-Kunsill

Matul din is-sena kien hemm żieda b'rata qawwija fil-*workload* tal-uffiċċju tas-Segretarju Eżekuttiv u tal-impjegati tal-Kunsill, għaliex il-kunsill dejjem iżied aktar l-ammont ta' servizzi li jingħataw lir-residenti u applika għal kważi kull skema li nħarġet biex it-titjieb fil-lokalita ma jonqos qatt. Naturalment għal kull proġett u skemi mhux sempliċiment tidaħħal biss l-applikazzjoni imma jkun hemm ukoll ħafna dedikazzjoni u xogħol li jiġi wara anke bħala dokumentazzjoni.

L-impjegati tal-Kunsill iwettqu b'ħidma kontinwa r-responsabbiltajiet kollha tal-Kunsill. Ix-xogħol meħtieġ sabiex jopera l-kunsill u jirnexxu kemm il-laqgħat, kif ukoll kull tip ta' xogħol ieħor tal-Kunsill f'Ħal Lija, ħafna drabi jieħu ħafna ħin twil, huwa xogħol tassew moħbi, mibni, ppreparat u kif ukoll komplut mill-impjegati tal-Kunsill.

Illum l-impjegati tal-Kunsill kapaċi jmexxu l-Uffiċċju b'effiċjenza mill-aqwa, u kapaċi jaħdmu meta jingħataw ir-responsabbilta` kollha.

Ta' dan nirringrazzja l-ħidma bla waqfien li dejjem jagħtu l-impjegati kollha tal-Kunsill, u dan kollu jagħmel is-suċċess kbir li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija qed jikseb tul dawn is-snin tal-ħidma tiegħu.

## 3.4 KONKLUŻJONI

Din hija fil-qosor il-ħidma tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija għas-sena 2025. Ta' min jinnota li matul is-sena sar aktar xogħol mill-impjegati tal-Kunsill u mis-Segretarju Eżekuttiv li jaf ma ġewx inklużi f'dan ir-rapport jew iddettaljati fit-tul.

Dan kollu għen sabiex il-Kunsill jagħti l-aħjar servizz, għaliex l-għan tal-Kunsill huwa li jagħti l-aqwa servizz lir-residenti, u dan ġie applikat u mħaddem b'mod mill-aktar konsistenti, u se jibqa' jitħaddem bl-aħjar mod 'l quddiem.

Biex nikkonkludi, nixtieq nieħu l-opportunita' biex nirringrazzja lis-Sindku s-Sur Anthony Dalli, tas-sapport, għajnuna u l-impenn sħiħ li huwa kuljum juri kemm lili bħala Segretarju Eżekuttiv u kif ukoll lil kumplament tal-Impjegati l-oħra u l-ħaddiema. Nirringrazzja ukoll lil Viċi Sindku Calcedonio Cini u lil kumplament tal-Kunsilliera kollha; tad-disponibbiltà, l-impenn u l-kontribut tagħhom lejn ir-residenti u l-lokalita'. Nixtieq nirringrazzja wkoll lill-amministrazzjoni tar-responsabbilta', sapport u l-motivazzjoni tagħhom matul is-sena kollha b'mod speċjali lis-Sa Bonniċi Bondin li anke dejjem lesta biex isservi bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv fl-assenza tiegħi u lill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill tax-xogħol li huma jiprovdu.



PS

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija għandu grupp ta' nies determinati, responsabbli u li huma kontinwament lesti biex jistinkaw u jużaw il-kapaċitajiet tagħhom biex ikun possibbli għall-aktar snin jwettqu kull tip ta' xogħol skond kif jitlob il-bżonn tal-lokal.

**IFFIRMATA**

__________________________
Pamela Seguna
**Segretarju Eżekuttiv**

## 4.1 L-ISKEDA TAD-DHUL U L-INFIQ

| | 2025 | 2024 |
|---|---|---|
| | € | € |
| **Funds received from Central Government** | **334,127** | 387,476 |
| **Income raised under the Local Enforcement System** | **1,757** | 2,315 |
| **General Income** | **28,455** | 10,765 |
| | **364.339** | 400,556 |
| **Expenditure** | | |
| Personal Emoluments | **(141,504)** | (135,835) |
| Operations and Maintenance | **(71,327)** | (126,130) |
| Administration and Other Expenditure | **(116,486)** | (136,863) |
| | **(329,317)** | (398,828) |
| **Surplus / (Deficit) for the year** | **35,022** | 1,728 |



PS

## 4.2 L-ISKEDA TAD-DĦUL FID-DETTALL

| | 2025<br>€ | 2024<br>€ |
|---|---|---|
| **Government Income** | | |
| In terms of section 55 of the Local Councils Act (Cap 363) | **313, 866** | 357, 540 |
| Other Government Income | **20, 261** | 29, 936 |
| Other Supplementary Government Income | | |
| | **334, 127** | 387, 476 |
| **Income raised under the Local Enforcement System** | | |
| Income from LES administration fees | **1,757** | 2, 315 |
| LESA Distribution to Council | | |
| | **1,757** | 2, 315 |
| **General Income** | | |
| Income from tender documents | | |
| Income from permits | **11, 421** | 9, 543 |
| Sundry contributions & donations | | |
| Income from Insurance Claim | | |
| Other Income | **17, 034** | 1, 222 |
| | **28, 455** | 10, 765 |
| **Total Revenue** | **364, 339** | 400,556 |



PS

## 4.3 L-ISKEDA TAL-INFIQ FID-DETTALL

| **Personal Emoluments** | **2025** | **2024** |
|---|---|---|
| | **€** | **€** |
| Personal Emoluments include, inter alia : | | |
| Mayor's Allowance | **11, 503** | 11, 330 |
| Employess /Executive Secretary's Salary and allowances | **103, 569** | 103, 172 |
| Social Security Contributions | **8, 432** | 8, 333 |
| Councillors' Allowance | **18, 000** | 13, 000 |
| | **141, 504** | 135, 835 |

| **Operations and Maintenance** | **2025** | **2024** |
|---|---|---|
| | **€** | **€** |
| Operations and maintenance includes, inter alia: | | |
| Repairs and upkeep: | | |
| Road/street pavements | **-** | 30 |
| Signs and road markings | - | 739 |
| Other Repairs and Upkeep | **5, 989** | 25, 651 |
| | **5, 989** | 26, 420 |
| **Contractual Services:** | | |
| Refuse Collection | **5, 417** | 48, 360 |
| Bulky Refuse Collection | **3, 644** | 6, 299 |
| Road and Street Cleaning | **23, 873** | 24, 988 |
| Cleaning and Maintenance - Public Conveniences | **7, 244** | 8, 213 |
| Cleaning and Maintenance - Parks and Gardens | **13, 889** | 10, 089 |
| Street Lighting | **6, 806** | 466 |
| Other | **4, 465** | 1, 295 |
| | **65, 338** | 99, 710 |
| | **71, 327** | 126, 130 |



PS

| **Administration and Other Expenditure** | **2025** | **2024** |
|---|---|---|
| | **€** | **€** |
| Utilities | **4, 074** | 5, 573 |
| Rent Payable | **1, 507** | 1, 585 |
| Office Services | **8, 333** | 6, 156 |
| Travel | **645** | 726 |
| Motor Vehicles Insurance/ Licence including fuel | - | - |
| Publications / Advertising | **4, 126** | 6, 948 |
| Professional Services | **35, 098** | 34, 733 |
| Community Services & Events | **30, 647** | 31, 282 |
| Bank Interest and Charges | **1, 052** | 1, 063 |
| Lease Interest Cost | - | - |
| Provision for Losses | - | - |
| Depreciation | **27, 014** | 34, 992 |
| Insurance | **2, 958** | 11, 145 |
| Other Expenses | **1, 032** | 2, 660 |
| | **1116, 486** | 136, 863 |



PS

## Rapport ta' ħidma għas-sena 2025 tas-Sindku Anthony Dalli

Bħala Sindku tal-Lokalita, huwa mistenni minni u skond il-Liġi tal-Gvern Lokali nissorvelja x-xogħol kollu li jsir mill-Kunsill, flimkien mar-responsabbilitajiet l-oħra kollha skond ix-xogħol tal-Kunsill.

Fil-Kariga ta' Sindku fejn it-talbiet tar-residenti tikber anke forsi dawk it-talbiet li f'ċertu ċirkostanzi ma għandhomx dritt għalihom. Il-Karattru sod, determinat u bla kuluri jrid imexxini. Is-Sapport lill kulħadd baqa prijorita, imma ndaqs għal kulħadd. L-Attivitajiet u x-xogħlijiet matul il-kalendarju annwali tal-Kunsill baqa għaddej bħal dejjem. Insemmu:

L-Ambjent u l-Indafa Pubblika baqgħu prijorita,

Il-Festival taċ-Ċitru,

Ħarġiet Kulturali,

L-Attivitajiet tal-Milied,

L-Għajnuna lil-Għaqdiet fil-Lokalita biex jissaħaħ il-volontarjat,

Attivitajiet Sportivi, Kulturali u Soċjali,

L-Organizazzjoni tal-Festa flimkien mal- forzi ta' l-Ordni,

Is-Servizzi kollha mill-Uffiċċju tal-Kunsill,

It-Trasport għall-Anzjani għal skop ta' kura medika żdied ħafna,

L-Infrastruttura ma' diversi entitajiet tal-Gvern u parasttali ma naqsux,

Tkompla x-Xogħol ta' Restawr fuq binjiet pubbliċi bħal Knisja l-Qadima tas-Salvatur,

Spazji miftuħa aktar atraenti u tagħmir sportiv u rekreattiv aktar modern u fi stat tajjeb,

Aktar sigurta fit-toroq, dwal aktar moderni u enerġija effiċjenti.

Il-Ħidma tiegħi flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kompliet biex nipprepara aktar papers ta' informazzjoni bħala amministratur tal-Kunsill u jiena bħala Sindku mill-att politiku. Din il-ħidma flimkien tagħmel ħafna ġid għal tmexxija aktar għaqlija u effiċċjenti. Ix-Xogħlijiet pendenti tkomplew u nbdew oħrajn ġodda.

Il-Kuntatt mas-Segretarju Eżekuttiv u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv ma taqtax u finalment anke mal-Impjegati kollha tal-Kunsill u dan itejjeb is-servizzi kollha li jingħataw lir-residenti u l-lokal tagħna.

Din is-sena li għaddiet għamilna diversi applikazzjonijiet taħt diversi skemi biex stajna nakwistaw fondi suplimentari biex intejbu l-Ambjent ta' madwarna. Għandna diversi fondi biex inwettqu l-prijoritajiet tagħna.

Il-Pjan tal-Kunsill nirreveduh ta' sikwit biex dak li ppjanajna ma jonqosx. Il-ħsibijiet u l-obbligi tagħna lejn ir-resident isiru u bi prijorita unika u b'effiċjenza.

Nawgura lill Kunsillieri kollha, l-Amministrazzjoni u l-Ħaddiema kollha kull suċċess fil-ħidma tagħna lkoll għal ġid ta' kull minn jitlob is-servizz tal-Kunsill Lokali.

**IFFIRMAT**

**Anthony Dalli**

**Sindku**

## Rapport ta' Ħidma għas-sena 2025 tal-Viċi Sindku Calcedonio Cini

Is-sena 2025 kienet sena ta' ħidma kbira mill-Kunsill Lokali. Bdejna s-sena billi f'Jannar organizzajna Festa Ċitru, l-edizzjoni ta' din is-sena bla dubju kienet l-akbar waħda kemm mill-attendenza tan-nies u kemm mill-eżebituri li pparteċipaw. Bla dubju nkun qed noqos jekk ma nirringrazzjax lis-Sindku Anthony Dalli, lis-Segretarju Eżekuttiv Pamela Seguna u l-istaff kollhu tal-Kunsill tal-ħidma tagħhom u d-dedikazzjoni biex l-attivita' kienet suċċess. Infakkar li l-qliegħ kollu minn din il-Festa Ċitru ngħadduh lill-Kappillan b'risq ir-restawr tal-knisja.

Matul is-sena kollha komplejna bit-tisbieħ tar-raħal billi għamilna tabelli u mirja ġodda fejn kien hemm bżonn. Komplejna bir-refreshing tas-sinjali tal-parkeġġ u stop signs kif ukoll komplejna bis-servizz tal-bulky refuse. Fejn jidħol xogħol infrastrutturali sar xogħol ta' bdil ta' pajpijiet ta' l-ilma fi Triq Mikielang Borg, Triq il-Mitħna, Triq Mons.J. Fenech u fi Sqaq Nru.6 fi Triq il-Forn filwaqt li saru bankini ġodda fi Triq Mikielang Borg, Triq Antonio Azzopardi u parti minn Triq il-Mitħna.

F'Jum il-Lokalita' organizzajna programm t'attivitajiet li kienu jinkludu; quddiesa, attivita' għat-tfal fil-Ġnien Rikreattiv, Open Day fit-Torri Belvedere, dawra kulturali mar-raħal u barbeque.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-qasam tas-saħħa komplejna nipprovdu trasport b'xejn lejn l-isptar Mater Dei u ċ-Ċentru tas-Saħħa ġewwa B'Kara u żidna ukoll ir-rotta għal Isptar San Vinċenz De Paule u l-Isptar Karen Grech. Servizz li ntlaqa' tajjeb ħafna mir-residenti fejn nisma' ħafna kummenti pożittivi dwaru.

Fil-qasam soċjali għamilna diversi ħarġiet biex inkomplu nsaħħu l-komunita' u l-għaqda bejn ir-residenti. Morna l-Mellieħa fejn żorna l-Każin tal-Banda La Vittoria, Il-Grotta tal-Madonna, ix-Xelters tal-Gwerra u l-Mużew tat-Tunnara. Morna wkoll l-Isla fejn rajna diversi wirjiet tal-Ġimgħa l-Kbira. Ħaġa oħra kienet fir-Rabat fejn żorna l-Mużew ta' Wignacourt u l-Katakombi ta' San Pawl. F'Ħamis ix-Xirka għamilna s-seba' visti s-Siġġiewi u Ħaż-Żebbuġ fejn żorna diversi kappelli li matul is-sena jkunu magħluqin. F'Mejju organizzajna ġurnata fil-gżira t'Għawdex ukoll.

Fi żmien il-Milied armajna numru ta' toroq bit-tiżjin u organizzajna il-Christmas Market fuq iz-zuntier tal-knisja bejn l-għaqdiet tar-raħal, għamilna ikla għall-anzjani, qassamna rigali minn Mother Christmas kif ukoll kunċert ta' Christmas Carols fil-Knisja Parrokkjali u riċeviment bejn l-għaqdiet tar-raħal. Ħsibna ukoll li għal Milied inferrħu t-tfal fid-dar Paulo Freire fiż-Żejtun billi qassamnilhom xi rigali.

**IFFIRMAT**

**Calcedonio Cini**

**Viċi Sindku**

# Rapport ta' Ħidma 2025 tal-Kunsillier Lorraine Farrugia Muscia

Fuq inizzjattivi tal- Gvern lokali, Assoċazzjoni tal- Kunsill Lokali u kif ukoll Reġjun Lvant u l- Kunsill lokali ta' Ħal Lija stess, kelli l-opportunita nattendi għal bosta laqgħat, konferenzi u attivitajiet edukattivi u soċjali li ġew organizzati. Fosthom laqgħa għal nisa kunsilliera fejn hawn ġew diskussi proġetti li ser jiġu ntrodotti tul sena u skemi ġodda li wieħed jista japplika għalihom.

Addizjonali saru tours mill- kunsill lokali ta' Ħal Lija għal ġimgħa ta' Jum Ħal Lija, bħala parti mit-tagħrif għar- residenti ġo Ħal Lija stess, jien attendejt dawn it- tours kif ukoll issuġerejt lil Kunsill tour guide professjonali u li rriċerka diġa fuq postijiet diversi f' Ħal Lija, ħalli jekk l- kunsill jkollu bżonn servizzi tiegħu jkunu jistgħu jikkuntatjawh biex tkompli tiġi magħrufa l-istorja tar- raħal tagħna. Attendejt ukoll l- attivitijiet li ġew mħejjiha għal Jum r- Raħal flimkien mal- Kunsill.

Attendejt ukoll konferenzi organizzati mir- Reġjun Lvant fejn hawn ġew spjegati l-proġetti kollha li l-Reġjun għamel mal-kunsilli lokali kollha w kif ukoll skemi ġodda u ideat li qed jingħataw biex jitkomplew jsiru proġetti, inizzjatti w attivitajiet fil-lokalitajiet li jaqaw taħt Reġjun Lvant. Fosthom attivitjiet li saru f' Ħal Lija kienu live band bil- kantanti fil- pjazza tar- raħal li saret f'Lulju u live band bil- kantanti li saret parti minn sensiela t' attvitajiet tal- Milied. Fuq inizzjattiva tar- Reġjun Lvant saret ukoll sezzjoni edukattiva fl- iskola primarja ta' Ħal Lija, fiha stajt naqsam l-esperjenza tiegħi fuq miżuri favur l- ambjent b' mod sempliċi li jifmuhom tfal, apparti minn hekk stajna wkoll nqassmu lit- tfal pakkett rigal li ġie mgħoti mill- ERA u TM ta' stationary li ġew mogħtija lit- tfal li hu magħmul kollu minn prodotti riċiklati. Ir-Reġjun Lvant bħal ma' jagħmel kull sena joġgħbu jorganizza educational talk bis- sehem ta' diversi esperti fuq l- *Kancer tas- sider* biex biha nkunu nistgħu naraw kemm xi jrid jsir f' kas ta' xi sintomi u kif ukoll liema huma l- għaqdiet li nistgħu nirrikorru għandhom għal tipi diversi ta' għajnuna. Sezzjoni edukattiva oħra mir- Reġjun Lvant kienet dik fl- Universita ta' Malta fejn hawn stajt nara x' jirrikjedi l- *AI fid-*dinja tal- lum ul- benefeċċji tiegħu u kif l- kunsilli jistgħu jibbenifikaw minn korsijiet hekk għar-residenti tagħhom.

Bħala nizzjattiva innovattiva organizzajt kors ta' *finger food* innovattiv li sar ġewwa l- binja tal- kunsill fejn fiħ residenti fuq bażi ta' minn applika, preparajna flimkien ma' Chef Proffessjonali mill- ITS finger food innovattiv li jista jiġi servut meta jkollna l- mistednin id- dar. Għalkemm l- attendenza għal dan il-kors kienet żgħira, ntlaqat tajjeb ħafna minn dawk li attendew. Iktar tard mas- sena komplejt bl-organizzazjoni ta' kors ieħor fuq bażi tal- lewż u ħelu relatat miegħu, dan il- kors kellu jsir fl- ITS, sfortunatament l- applikazzjonijiet għal dan il- kors kienu ftit wisq u għalhekk l- kors ma' setax jiġi żvolt.

Flimkien mal-kunsill attendejt għal attivitajiet kollha li ġew organizzati mill- għaqdiet tar- raħal fi żmien il- festa u kif ukoll fi żmien tal- Milied fosthom diversi kunċerti, marċi, quddies u stediniet fil- każini rispettivi tagħhom.

L- assoċazzjoni tal- kunsilli lokali torganizza bosta laqgħat edukattivi u kif ukoll soċjali. Jien attendejt kemm għal dawk soċjali kemm li saru fis- sajf u kif ukoll għal dawk li saru fil- Milied. Attivita edukattiva li kien ta' valur li attendejt organizzata mill- assoċazzjoni tal-kunsilli lokali kiendet dik favur l- ambjent li kopriet diversi temi bħal sistemi ta' separazzjoni ta' l- iskart, riċiklaġġ u tħawwil ta' iktar pjanti fil-lokalitajiet tagħna. Konfernza oħra edukattiva li titratta organizzata mill- Assoċazzjoni tal-kunsill lokali kienet dik li titratta tema l- Komunitajiet tagħna w il- benessere tagħhom. Hawn ġew maqsuma magħna entitajiet li wieħed għandu jagħmel użu magħhom u jirrikorri f' kas li residenti u anke aħna stess jkollna bżonn għal ġid tal- bennessere tagħna.

Bħala inizzjativa ta' nklużjoni soċjali organizzajt kampanja fejn tinħoloq kuxjenza li wieħed jista jagħti xi ħaġa utli minn tiegħu bħal stationary, lunch boxes , basktijiet ta' l- iskola, flasks u kotba ġodda jew f' kundizzjoni tajba lil tfal li huma nqas ixxurtjati minnha li għandhom bejn 5-10 snien. Dawn l-oġġetti li nġabru ġew mogħtija li tfal ta' l- istitut Paulo Freire qabel l- Milied ħalli jkunu jistgħu jitqassmu min minn jieħu ħsieb bħala rigali tal- Milied. Din l- innizzjattiva nlaqat tajba ħafna u b'hekk bħala komunita ta' Ħal Lija stajna nilħqu frazzjoni żgħira tal-popolazzjoni li għandha bżonnjiet speċifiċi li mhux faċli li jilħquhom waħidhom skorz is- sitwazzjoni li huma qegħdin jgħixu fiha.

Fiż-żminijiet tal- Milied apparti li attendejt għal attivitajiet kollha li organizza l- kunsill ta' Ħal Lija f' dawn il- ġranet festivi, lbist ta' l-omm tal- Milied kemm fi tlett t' ijem tal- Christmas Market li sar fuq zuntier tal- knisja u kif ukoll fit-tqassim tar- rigali lit-tfal tar- raħal fuq il- karozzin. Ftit ġranet wara ġie organizzat l- festival taċ- ċitru mill-kunsill, hawn f'nhar l- attivita ħadt sehem fil- bejgħ tal- larinġ u ċ-ċitru biex jinġabru donazzjonijiet mill- flus li jinġabru għal paroċċa.

Parti minn inizzjattiva biex jitqajjem kuxjenza favur l- annimali flimkien mal- kunsill u dipartiment ta' l- annimali ħejjet inizzjattiva forma ta' appell lir-residenti, fejn ir-residenti jkunu iktar konxji w responsabbli lejn l- annimali u jekk jinnotaw xi qtates abbandunati f' xi siti ta' kostruzzjoni jinformaw il- kunsill u kif ukoll jekk jinqala xi emerġenzja lil annimali, jew jaraw xi annimal ferut, marid, jew mitluq wieħed jkollu ndikazzjoni x'jista jagħmel f' dawn il- każi biex b' hekk l- annimali speċjalment l- klieb u l- qtates tkun tista tittieħed l- azzjoni neċessarja skond il- każ.

Bħala kunsillier attendejt kemm għas- seduti tal- kunsill, laqgħat tal-lokalita, laqgħat oħra li jorganizza l- kunsill apparti mill- iskeda tiegħu u kif ukoll konfrenzi stampi li niġi mistiedna bħala kunsill fuq inizzjattivi li jagħmel il-Gvern.

**IFFIRMAT**

**Lorraine Farrugia Muscia**

**Kunsillier**

# Rapport ta' Ħidma għas-sena 2025 tal-Kunsillier Diane Abela Penza

**Perjodu ta' ħidma**:
Ħidma li saret bejn Jannar u Diċembru 2025.

1. **Dekasteri Responsabbli:**
   i. Edukazzjoni;
   ii. Familja;
   iii. Kultura; u
   iv. Fondi ta' l-Unjoni Ewropeja.

2. **Attivitajiet u Xogħlijiet Implimentati**

i. **Edukazzjoni**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija huwa impenjat li joffri attivitajiet edukattivi għall-komunità, u matul il-perjodu ġew introdotti dawn l-inizjattivi:

- **Kors ta' First Aid għar-residenti ta' Ħal Lija:**
  Il-kors ta' First Aid ġie offrut bla ħlas lill-komunità sabiex tiżdied il-kapaċità tal-ewwel għajnuna f'każ ta' emerġenza. Il-kors kien se jsir b'kollaborazzjoni ma' Jobsplus. Il-kriterji għall-applikanti min-naħa ta' Jobsplus kienu:
  - l-applikanti jridu jkunu f'impjieg;
  - bejn l-età ta' 16 u 65 sena;
  - in-numru ta' applikanti biex il-kors isir ġewwa Ħal Lija ma setax ikun inqas minn 25.

Kien hemm rispons tajjeb mir-residenti, iżda ftit kienu dawk li jaqgħu taħt il-kriterji ta' Jobsplus. Minħabba din ir-raġuni l-kors ma sarx. Madankollu, il-Kunsill ta' Ħal Lija xorta jibqa' tal-fehma li l-għarfien u l-kompetenzi bażiċi tal-kura medika fost ir-residenti huma ta' importanza kbira. Fil-fatt, nittamaw li fiż-żmien li ġej inkunu nistgħu noffru dan il-kors għal kulħadd, mhux limitat biss għal dawk li huma fid-dinja tax-xogħol.

- **Sessjonijiet ta' Fitness fil-ġimgħa għar-residenti ta' Ħal Lija:**
  Il-Kunsill ta' Ħal Lija jemmen fis-saħħa u l-benesseri tal-komunità lokali. Għaldaqstant komplew is-sessjonijiet ta' fitness li jsiru darba fil-ġimgħa għar-residenti. Ir-residenti gawdew ukoll minn prezz issussidjat mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija.

- **Sessjonijiet ta' qari fil-ġimgħa għat-tfal:**
  Il-Kunsill ta' Ħal Lija jemmen bis-sħiħ fl-importanza tal-qari, speċjalment għat-tfal sa minn età żgħira. Għaldaqstant, b'kollaborazzjoni mal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, darba fil-ġimgħa ġewwa l-uffiċċju tal-Kunsill jitellgħu sessjonijiet ta' qari ta' siegħa għat-tfal bejn l-etajiet ta':
    - 0 – 3 snin (kemm filgħodu kif ukoll wara nofsinhar);
    - 4 – 7 snin.

  Dawn is-sessjonijiet huma bla ħlas.

- **Għotja ta' kotba ġodda għall-open library:**

  Sabiex inħajru lit-tfal ta' Ħal Lija jħobbu aktar il-qari, wara laqgħa li saret mal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, il-Kunsill ingħata donazzjoni ta' kotba ġodda u innovattivi għat-tfal bejn l-etajiet ta' 0 u 16-il sena. Dawn il-kotba qed jistennew biex isibu posthom fl-open library u jitgawdew mit-tfal.

**ii. Kultura**

Ħal Lija huwa raħal mimli storja u kultura. Għalhekk il-Kunsill ta' Ħal Lija ħass il-ħtieġa li jorganizza Cultural Walks, fejn permezz ta' gwidi speċjalizzati fl-istorja ta' Malta, ir-residenti żaru postijiet storiċi fir-raħal u semgħu dwar l-istorja tagħhom.

Dawn il-Cultural Walks jerġgħu jiġu organizzati kull tant żmien sabiex nattiraw aktar residenti u nkattru t-tagħlim dwar l-istorja tar-raħal.

**iii. Familja**

Li nissalvagwardjaw il-ħajja umana hija responsabbiltà ta' kull persuna. Il-Kunsill ta' Ħal Lija jemmen dan bis-sħiħ. Għalhekk twaħħlet AED ġewwa l-pjazza ta' Ħal Lija sabiex tkun aċċessibbli għal kulħadd f'kull ħin.

3. **Attendenzi u Laqgħat**
Konferenza organizzata mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u r-Reġjun Lvant:
F'Ġunju attendejt ir-raba' laqgħa tas-SEDEC Commission, mifruxa fuq jumejn. F'din il-konferenza ġew diskussi diversi temi relatati mal-Kunsilli Lokali.

**IFFIRMAT**

**Diane Abela Penza**

**Kunsillier**

# Rapport ta' Ħidma għas-sena 2025 tal-Kunsillier Carl Betts

Matul it-tieni sena tiegħi bħala kunsillier komplejt niġbor l-esperjenza ta' kif jopera il-kunsill b'mod effettiv u niskopri l-ispazji li nista' nagħti l-kontribut tiegħi sabiex tittejjeb il-ħajja tar-residenti Lijani.

Erġajt avviċinajt il-kummissjonijiet taż-żgħażagħ tar-raħal sabiex nisma' mingħandhom kif stajna ngħinuhom bħala kunsill.

Matul din is-sena bdejna noperaw ukoll flimkien mal-MFWS il-kunsill tat-tfal ta' Ħal Lija fejn numru ta' tfal ħadu interess fil-kunsill u trawmu iktar fuq kif jopera il-kunsill u kif jgħaqdi lil komunita'.

Attendejt għal laqgħat organizzati mir-Reġjun Lvant u Aġenżija Żgħażagħ fuq kif bħala kunsill nistaw nħajru iktar żgħażagħ jifhmu l-importanza tal-kunsill u kif nistaw noħolqu ambjent li hu iktar faċli sabiex jersqu lejn l-attivitajiet organizzati mil-kunsill

Kelli ukoll sehem fil-loġistika u kordinazjoniminn naħa tal-kunsill għall-festa tas-Salvatur 2025. Għent fl-organizzazjoni tal-Christmas Market li sar f'Diċembru flimkien ma' l'għaqdiet volontarji tar-raħal li minnha gawdew min ġie għal attivita' u min ħa sehem biex ittela' dan il-market. Għent ukoll fl-organizzazjoni tal-festival taċ-Ċitru li kien ta' suċċess kbir li ġabret ħafna nies tul il-ġurnata kollha.

Attendejt għal laqgħat kollha li saru matul din is-sena u semmajt leħni għal ġid tal-komunita' u ressaqt ilmenti li avviċinawni bihom il-Lijani. Peress li jiena kunsillier ġdid elett drajt kif tinqasam il-laqgħa tal-kunsill u ħadt sehem fl-estimi finanzjarji 2026 flimkien mal-kunsill.

L-esperjenza tiegħi ma' l-istaff u segretarji tal-kunsill hija tajba ħafna.

Nixtieq nirringrazzja lill-elettorat kollhu, minn din il-leġiżlatura qed nieħu esperjenza ta' kif jaħdem il-kunsill u r-responsabilta' minnhu nnifsu tal-kunsill fil-lokalita'. Jien bħala kunsillier ser inżomm kuntatt mar-residenti sabiex nkompli il-ħidma tiegħi sabiex intejjeb il-ħajja fil-lokalita' ta' Ħal Lija.

**IFFIRMAT**

**Carl Betts**

**Kunsillier**